**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 t' April, 2001**

**Numru 12**

**Avviz. numru 1790/99JR**

**Frederick Ellul**

**vs**

**Anton Sevasta, Ryan Schembri u Charles Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-19 ta' Novembru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00), premess illi l-attur xtara mobile phone tad-ditta Siemens SL 10D (serial number 998301515269480) f'Dicembru, 1998 minghand il-konvenuti li dak iz-**

**zmien kienu jiggestixxu l-hanut bl-isem Mobile Link, Zabbar Road, Paola;**

**Illi ftit xhur wara li nxtara, madwar Frar 1999, dan il-mobile phone zviluppa hsarat li baqghu ma gewx imsewwija totalment;**

**Illi ghalkemm il-konvenuti ippruvaw jsewwu dawn id-difetti, dan il-mobile ghadu sal-lum ma jahdimx kif mistenni;**

**Illi fil-fatt dan il-mobile ghadu sal-lum f'idejn il-konvenuti u ghadu ma jahdimx tajjeb;**

**Illi ghalhekk l-attur qed jitlob li t-Tribunal jiddikjara li l-mobile phone tad-ditta Siemens SL 10D (serial number 998301515269480) mixtri mill-attur minghand il-konvenuti ma huwiex tal-kwalita` patwita u ghalhekk jordna lill-konvenuti jew min minnhom jirrifondu lura lill-attur l-ammont ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00) ammont imhallas ghax-xiri ta' l-istess mobile phone. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru, 1999, u bl-imghax kontra l-konvenuti.**

**Ra r-risposta b'kontrotalba presentata fl-20 ta' Jannar, 2000, fejn intqal illi:**

**i. il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhuwiex**

**minnhu li l-"mobile phone" mibjugh mhuwiex tal-kwalita` patwita u fil-fatt huwa idonju ghall-uzu li huwa manifatturat ghalih;**

**ii. illi bla pregudizzju ghal fuq espost, wara li giet prezentata din il-kawza, l-esponenti offrew "mobile phone" iehor bi prezz u funzjonijiet ahjar sabiex jintlahaq ftehim bonarju, pero` l-attur ried funzjonijiet godda li l-"mobile phone" li kien xtara originarjament lanqas biss kellu;**

**iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Illi fil-kontro-talba l-konvenuti talbu l-hlas ta' mitejn hamsa u erbghin lira Maltija (Lm245.00) rappresentanti kirja ta' "mobile phone" tal-marka Bosch 607 bejn id-dati elenkati sakemm jissewwa l-"mobile phone", mibjugh lill-attur originarjament, minn difett zghir li ma jeffettwax l-operazzjoni tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' Frederick Ellul, William England, Anton Sevasta u Ryan Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza hija ghar-rifuzjoni ta' flus imhallsa fuq "mobile phone" li skond l-attur ma kienx tal-kwalita` patwita. Saret ukoll kontrotalba ghall-kiri ta' mobile phone li inghata lill-attur sakemm il-mobile phone tieghu kien ghand il-konvenuti.**

2. **Jirrizulta li l-mobile phone in kwistjoni kien inxtara mill-attur minghand il-konvenuti f'Dicembru, 1998/Jannar, 1999. Kien inxtara ghall-prezz ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00), u kien kopert b'garanzija ta' sena.**

3. **Jirrizulta li wara xi xahar zviluppat hsara f'lcd display tal-mobile, u l-attur kien hadu ghand il-konvenut li kien qallu li dik tmur. Pero` gimghatejn wara zviluppat it-tieni linja fl-imsemmi display. Ghalhekk il-konevnut qallu li jibghatu ghat-tiswija ghand William England sabiex jibghatu ghat-tiswija barra.**

4. **William England, Direttur ta' William England & Son ltd., importaturi ta' mobile phones, ikkonferma li kien hemm problema fid-display tal-mobile in kwistjoni. Dana innota li tali problema difficli wiehed jghid minn x'hiex hini kkawzata. Dan kien baghtu l-Ingilterra ghat-tiswija u gie lura jahdem tajjeb, pero` sakemm mar jigbru l-attur, il-problema rrikorriet.**

5. **Ma rrizultax li l-hsara kienet ikkawzata minn xi waqa' tal-mobile kif qed jallega l-konvenut. Anzi jidher li din il-hsara kienet hemm mill-bidu nett, fis-sens li l-oggett mibjugh lill-attur kien difettuz. Ghalhekk l-attur ghandu d-dritt li jigi refuz il-flus tal-mobile.**

6. **It-Tribunal innota li l-konvenuti kienu kkooperaw ma' l-attur tant li silfuh "mobile" iehor. Il-kirja ta' "mobile" fuq bazi "long term" hi ta' zewg liri kuljum. Dana l-mobile sal-lum ghadu ghand l-attur. Jigi rilevat li ma kien sar ebda kuntratt dwar il-kiri tal-mobile, u l-attur kien qed jistenna li ssir it-tiswija. Ghalhekk it-Tribunal ma hux tal-fehma li hemm xi kirja dovuta fuq il-mobile misluf, sad-determinazzjoni ta' din il-vertenza. Minn issa l-quddiem wiehed jifhem li s-sitwazzjoni tkun regolata differentement.**

**Ghaldaqstant filwaqt li qed jichad il-kontro-talba tal-konvenuti ghall-kera tal-mobile sad-data tal-lum, it-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici in kwantu l-mobile mixtri kien difettuz, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**